KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza E.S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21236951 Fax No. 21 237723

31 ta' Jannar 2012

**LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**Minuti tal-Laqgha Straordinarja tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah Laqgha Straordinarja li nzammet nhar **il-Hamis 26 ta' Jannar 2012 fil-5.00pm**.

Il-Laqgha Straordinarja tal-Hames Kunsill Lokali Floriana nzammet b'din l-aġenda:-

1. Approvazzjoni tal-Performance Bonus tas-Segretarju Ezekuttiv u tal-haddiema klerikali
2. Hwejjeg ohra

Ghal-Laqgha Straordinarja tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## <u>1.0 Approvazzjoni tal-Performance Bonus tas-Segretarju Ezekuttiv u tal-haddiema klerikali</u>

1.1 Is-Sindku fetah id-diskussjoni billi qal li l-Kunsill irid jiddeciedi dwar il-performance bonus tas-Segretarju Ezekuttiv u tal-impjegati. Is-Sindku talab li-Segretarju Ezekuttiv u l-iskrivana Emmanie Theuma gew mitluba biex johrogu sabiex ikun jista jigu diskussi dawn ir-rapporti

1.2 Wara li saret diskussjoni u evalwazzjoni mill-Kunsilliera dwar il-performance tas-Segretarju Ezekuttiv u l-Impjegati, il- Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg biex il-Kunsill jaghti l-massimu tal-persentaggi applikabbli tal-performance bonus lis-Segretarju Ezekuttiv u lill-istaff klerikali kollu.

1.3 Wara li ttiehed vot favur din il-mozzjoni, il-Kunsill ivvota favur din il-mozzjoni b'mod unanimu.

## <u>2.0 Hwejjeg ohra</u>

2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill bit-talba ghall-permess riferenza RWP 1-0125/12 f'isem ir-Roads and Infrastructure Directorate fejn talbu n-no objection tal-Kunsill biex isir xi xoghol fi Triq Nazzjonali u l-Foss ta' Crown Works. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni izda qabel li ghandu jitlob iktar informazzjoni dwar dan il-progett bhal kif ser jigi mmanigjat it-traffiku f'dawn it-toroq specjalment fi Triq Nazzjonali li hija arterja principali. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jigbed l-attenzjoni tal-perit responsabbli mix-xoghol li fid-dati indikati ser ikun hemm ic-celebrazzjonijiet tal-Karnival li ser jghaddu minn din iz-zona.

Il-laqgha ntemmet fil-17.20.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland | Svetlick J. Flores |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |